

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1589**tat-22 ta' Lulju 2020****li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-*data* dwar vetturi heavy-duty ġodda li għandha tiġi mmonitorjata u rrapportata mill-Istati Membri u mill-manifatturi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO₂ u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/956 tispeċifika d-*data* li għandha tiġi mmonitorjata u rrapportata mill-Istati Membri fir-rigward ta' vetturi heavy-duty ġodda rreġistrati għall-ewwel darba fl-Unjoni.
- (2) Biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil tad-*data* rrapportata għal kull vettura heavy-duty mill-Istati Membri ma' dik irrappurtata mill-manifatturi, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw dwar parametri addizzjonali marbuta mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-vetturi.
- (3) Biex tkun tista' tiġi vverifikata l-kwalità tad-*data* rrapportata mill-manifatturi tal-vetturi heavy-duty, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw ukoll il-marka tal-hash kriptografika tal-fajl tar-rekords tal-manifattur inkluża fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-vettura.
- (4) Il-punt 2 tal-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/956 jispeċifika d-*data* li għandha tiġi mmonitorjata u rrapportata mill-manifatturi ta' kull vettura heavy-duty ġdida.
- (5) Biex jiġi żgurat rappurtar uniformi tal-informazzjoni dwar il-manifatturi tal-komponenti, tal-unitajiet tekniċi separati jew tas-sistemi, jenħtieġ li jiddaħħlu referenzi għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 ⁽²⁾.
- (6) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika l-kwalità tad-*data* rrapportata mill-manifatturi fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-magna, jenħtieġ li l-manifatturi jirrapportaw ukoll in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-magna.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/956 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/956 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/956 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti A jiżdiedu l-punti (g) sa (n) li ġejjin:

(a) Jiżdiedu l-punti (g) sa (n) li ġejjin:

- “(g) għall-vetturi rreġistrati sat-30 ta' Ġunju 2021 fejn disponibbli, u għall-vetturi rreġistrati mill-1 ta' Lulju 2021 fil-każijiet kollha, l-istadju tal-ikkompletar, kif indikat fil-mudell magħżul taċ-ċertifikat tal-konformità skont il-punt 2 tal-Anness IX tad-Direttiva 2007/46/KE;
- (h) il-kategorija tal-vettura kif speċifikat fl-entrata 0.4 taċ-ċertifikat tal-konformità;
- (i) għall-vetturi rreġistrati sal-31 ta' Diċembru 2020 fejn disponibbli, u għall-vetturi rreġistrati mill-1 ta' Jannar 2021 fil-każijiet kollha, l-għadd ta' fusien, kif speċifikat fl-entrata 1 taċ-ċertifikat tal-konformità;
- (j) il-massa bit-tagħbija massima teknikament permissibbli, kif speċifikat fl-entrata 16.1 taċ-ċertifikat tal-konformità;
- (k) għall-vetturi rreġistrati sal-31 ta' Diċembru 2021 fejn disponibbli, u għall-vetturi rreġistrati mill-1 ta' Jannar 2022 fil-każijiet kollha, il-marka tal-hash kriptografika tal-fajl tar-rekords tal-manifattur kif speċifikat fl-entrata 49.1 taċ-ċertifikat tal-konformità; għall-vetturi rreġistrati sat-30 ta' Ġunju 2025, l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw biss l-ewwel tmien karattri tal-hash kriptografika;
- (l) għall-vetturi rreġistrati sat-30 ta' Ġunju 2021 fejn disponibbli, u għall-vetturi rreġistrati mill-1 ta' Lulju 2021 fil-każijiet kollha, l-emissjonijiet tas-CO₂ speċifiċi kif speċifikat fl-entrata 49.5 taċ-ċertifikat tal-konformità;
- (m) għall-vetturi rreġistrati sat-30 ta' Ġunju 2021 fejn disponibbli, u għall-vetturi rreġistrati mill-1 ta' Lulju 2021 fil-każijiet kollha, il-valur medju tat-tagħbija utli kif speċifikat fl-entrata 49.6 taċ-ċertifikat tal-konformità;
- (n) id-data tar-reġistrazzjoni.”;

(2) fil-Parti B, il-punt 2 huwa emendat kif ġej għall-vetturi rrapportati mill-2021 'il quddiem:

(a) l-entrati 24 u 25 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

| Nru | Parametri tal-monitoraġġ | Sors: Il-Parti I tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor | Deskrizzjoni |
|-----|--|---|--|
| “24 | Isem u indirizz tal-manifattur tat-trażmissjoni | Il-punt 0.4 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2017/2400 | Speċifikazzjonijiet ewlenin tat-trażmissjoni”; |
| 25 | Ditta (isem kummerċjali tal-manifattur tat-trażmissjoni) | Il-punt 0.1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2017/2400 | |

(b) l-entrati 32 u 33 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

| Nru | Parametri tal-monitoraġġ | Sors: Il-Parti I tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor | Deskrizzjoni |
|-----|---|--|---------------------------------------|
| “32 | Isem u indirizz tal-manifattur tal-fus | Il-punt 0.4 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2017/2400 | Speċifikazzjonijiet ewlenin tal-fus”; |
| 33 | Ditta (isem kummerċjali tal-manifattur tal-fus) | Il-punt 0.1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2017/2400 | |

(c) l-entrati 39 u 40 jiġu ssostitwiti b'dan li ġejj:

| Nru | Parametri tal-monitoraġġ | Sors: Il-Parti I tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor | Deskrizzjoni |
|-----|--|--|--|
| "39 | Isem u indirizz tal-manifattur tat-tajers | Il-punt 1 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400 | Speċifikazzjonijiet ewlenin tat-tajers"; |
| 40 | Ditta (isem kummerċjali tal-manifattur tat-tajers) | Il-punt 3 tal-mudell ta' ċertifikat ta' komponent, ta' unità teknika separata jew ta' sistema tal-Appendiċi 1 tal-Anness X tar-Regolament (UE) 2017/2400 | |

(d) tiżdied l-entrata 101 li ġejja:

| Nru | Parametri tal-monitoraġġ | Sors: Il-Parti I tal-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/2400, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor | Deskrizzjoni |
|------|---|---|---------------------------------|
| "101 | Għall-vetturi b'data tas-simulazzjoni mill-1 ta' Lulju 2020, in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-magna | Il-punt 1.2.1. tal-Addendum tal-Appendiċi 5, 6 jew 7 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 582/2011, skont liema tkun applikabbli. | Speċifikazzjonijiet tal-magna". |